# Termini u kundizzjonijiet japplikaw




| | |
|---|---|
| **Author:** | Roberta Bajada |
| **Published:** | 2017 by Merlin Publishers |
| **Pages:** | 200 |
| **Goodreads Rating:** | 4.38 |
| **Language** | Maltese |

**Termini u kundizzjonijiet japplikaw.pdf**

**Termini u kundizzjonijiet japplikaw.epub**

Rebbieħ tal-Konkors ta' Kitba Letteratura għaż-Żgħażagħ (Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u Aġenzija Żgħażagħ) Ruħ Gonsalvo Borg Buttigieg kienet fuq tarġa numru 77,777 tal-Ġenna, tistenna u titbaqbaq ma' dak li kien qed isejjaħ lilu nnifsu "Il-Gwardjan tal-Bibien Imqaddsa". Imma fuq l-għatba kien se jibqa'. Iż-żagħżugħ, liebes suit bajda, u li ma kien jixbah xejn lil San Pietru bl-imfietaħ, qallu: "Ir-raġġiera m'intix se teħodha għalissa, għax sejjer lura fid-dinja mnejn ġejt. Unfinished business, Gonsalvo. Każijiet hekk dejjem jintbagħtu lura …" Gonsalvo ħa nifs ’il ġewwa u beda nieżel is-77,777 tarġa lura lejn id-dinja tal-ħajjin, did-darba bħala ruħ inviżibbli. U l-missjoni tiegħu kienet ċara: jiskopri min kien qatlu, u għaliex. Mnejn se jibda? Iż-żagħżugħ tas-suit bajda tah punt tat-tluq: isib lil Miki Borg, tifel ta' għaxar snin. Hu biss seta' jgħinu jakkwista r-raġġiera.